ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**<u>Minuti tal-26 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>**

Is-sitta u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 24 ta' April, 2012.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-membri s-Sinjuri Luciano Farrugia, Mario Bartolo u Joseph Agius.

<u>Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tal-25 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Agius rrefera għall-bozza li hemm mal-arblu li hemm maġenb il-*pitch* tal-boċċi fi Triq San Leonardu u qal li din il-bozza għandha tiġi rranġata f'qasir żmien.

<u>Item 4 - Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ivan Pierre Vella minn Trasport Malta dwar it-talbiet u s-suġġerimenti li rċeviet kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-pubbliku in ġenerali bil-għan li jsir titjib u tibdil fin-*network* tat-trasport.

L-Awtorita' qed tikkunsidra s-suġġerimenti u t-tibdil fir-rotot li diġa qed jipprovdu servizz u ser tiġi ntrodotta rotta ġdida bin-numru 94 li tibda mix-Xgħajra u tgħaddi minn St Peter's u miċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar, Fgura, Raħal Ġdid u tkompli għall-Belt b'frekwenza ta' kull 30 minuta. Ser isir ukoll xi tibdil ieħor fir-rotta Nru 92 li ser tibda tgħaddi minn Triq Villabate u tal-Plier u r-rotta numru 93 li ser tgħaddi minn Triq Villabate għal Triq Wied il-Għajn.

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Vella, mill-Kumitat Amministrattiv fejn il-Kumitat jesprimi wkoll il-ħtieġa li r-rotta numru 120 tibda tidħol f'St Peter's. Ic-*Chairperson* espremiet ukoll it-tħassib tagħha dwar jekk ir-rotta numru 94 hux ser tkun qegħda takkomoda lir-residenti ta' St Peter's jew jekk din hux ser tkun mimlija diġa meta tkun għada ġejja mix-Xgħajra u miċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-uffiċju ta' l-Onorevoli Dr Carmelo Mifsud Bonnici dwar laqgħa li l-Kumitat Amministratttiv ser ikollhu mal-Ministru Mifsud Bonnici nhar it-Tnejn, 4 ta' Ġunju, 2012 fis-14.30 fil-Berġa ta' Aragona.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Amministrattiv St Peter's lil Trasport Malta dwar periklu serju li hemm fl-entratura ta' Triq l-Għakrux li baqgħet ma ġietx iffurmata u rranġata.

Inqrat ittra li l-Kumitat Amministratttiv bgħat lil Trasport Malta dwar ix-xogħol ta' għoti ta' tarmak li qed isir fi Triq iz-Zagħrun u dwar il-ħtieġa li jsir tqattiegħ ta' blat li hemm fil-wiċċ u li jrid isir qabel it-triq tingħata t-tarmak.

Fir-risposta tagħhom Trasport Malta qed jgħidu li din it-triq ser tiġi asfaltata fil-jiem li ġejjin.

Dwar l-ilment li sar mis-Sur Emmanuel Navarro rigward il-bżonn ta' *road hump* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, manutenzjoni tat-triq maġenb il-*playing field* u dwar luzzu li hemm mitluq fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, ġie deċiz fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, li dawn l-ilmenti jiġu ndirizzati.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

Dwar it-*tender* għax-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marżebb, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi kienu qed isiru l-aħħar tħejjijiet biex tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

Dwar l-applikazzjoni tal-Kumitat biex isir xogħol ta' titjib fil-*playing field* is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi l-applikazzjonijiet taħt din l-iskema għadhom qed jiġu evalwati.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Bartolo qal li nhar is-Sibt, 21 ta' April fil-11.00 ta' filgħodu kien hemm numru ta' karozzi pparkjati fi Triq Alessio Erardi kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra kif ukoll vetturi oħra fil-kantuniera ta' Triq il-Baħrija. Is-Sur Bartolo qal li gwardjan lokali li nzerta kien għaddej minn dawn it-toroq naqas milli jwissi lil dawk li hemm pparkjati ħazin u li kienu ta' periklu għas-sewwieqa kif ukoll għall-pubbliku. Is-Sur Bartolo talab li din il-problema ta' nuqqas ta' infurzar għandha tiġi mressqa għall-attenzjoni tal-Gwardjani Lokali.

Is-Sur Bartolo semma wkoll il-bżonn li l-Pulizija tieħu passi biex ma jibqax jitwaqqa' l-ħajt li hemm fil-ġenb ta Triq il-Berebies kif ukoll li ma jibqax jintefgħu boroz taż-żibel mal-għalqa li hemm fi Triq il-Berebies.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li jitneħħa karru taż-ziemel li hemm fi Triq Alessio Erardi.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li jitneħħa l-caravan li hemm fi Triq il-Berebies. Huwa talab ukoll li jinżebgħu mill-ġdid *stop signs* li hemm fi Triq il-Berebies.

Is-Sur Bartolo qal li jittama li l-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's tiġi approvata u ppublikata biex tibda tintuża mill-Kumitat Amministrattiv.

Is-Sinjura Debattista saħqet dwar il-bżonn li jinqata' l-ħaxix li hemm fi Triq l-Għakrux ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sinjura Debattista talbet ukoll li l-Kumitat Amministrattiv jressaq l-ilmenti tar-residenti dwar rwejjaħ tad-drenaġġ li qed ikun hemm fit-toroq minħabba trakkijiet li mill-impjant Ta' Barkat qed iġorru likwidu li qed iħalli riħa insapportabbli.

Is-Sur Farrugia saħaq dwar l-importanza li fl-iqsar żmien jinbeda x-xogħol li kellu jsir mal-passaġġ ta' mal-bandli fi Triq l-Għakrux.

Is-Sur Bartolo talab li jsiru l-marki tat-traffiku inkluz il-linji ta' nofs it-triq fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Farrugia talab li jsiru *parking bays* fi Triq il-Berebies.

Is-Sur Agius talab li jsiru *slow signs* u l-linji ta' nofs it-triq fi Triq San Leonardu.

Is-Sinjura Debattista talbet li jsiru linji doppji sofor fi Triq in-Naħla kantuniera ma' Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-27 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2012.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*